**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**ID-DISA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 44 – IL-ĦAMIS 17 TA' MARZU 2022**

Il-Kunsill reġa ltaqa fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. b'mod virtwali minħabba l-pandemija u każ ta' persuna vulnerabbli.

| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier(assenti b'apoloġija) |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier(assenti b'apoloġija) |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa b'mod virtwali.

**44.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

44.1.1 Ittra elettronika mibgħuta mill-Kunsillieri Bernice Farrugia u Godwin Catania fejn talbu biex jiġu skużati minħabba mpenji ta' xogħol. Is-seduta laqgħet it-talba tal-Kunsillieri Farrugia u Catania unanimament u kien skużati.

**44.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

44.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (43) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

44.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.

## 44.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

44.3.1 Ma kienx hemm.

## 44.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

44.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kienet intbagħtet ittra lir-residenti kollha ta' Triq il-Wied u t-toroq immedjati bl-ideja li jagħtu feedback lill-Kunsill dwar il-proġett li sar fi Triq il-Wied fejn għad nafu fiċ-ċert li għad hemm numru ta' difetti li baqgħu ma ġewx indirizzati. Informa li r-rispons kien wieħed tajjeb għaliex il-Kunsill kien irċieva madwar (50) familja li taw il-*feedback* tagħhom.

Fil-frattemp, tkellem ukoll ma' resident li kellu kwistjoni mal-Aġenzija Infrastructure Malta dwar l-istallazzjoni ta' pelican light quddiem ir-residenza tiegħu u minkejja l-isforzi li għamel il-Kunsill biex jikkonvinċi lill-istess Aġenzija dwar ri-lokazzjoni tal-pelican light, is-sitwazzjoni preżenti tinsab fi *status quo*. Informa li tkellem ukoll ma' grupp ta' residenti li kkummissjunaw avukat privat biex iżommu lill-Aġenzija responsabbli għall-inkonvenjenzi li hemm fuq l-ispralli tal-ilma tax-xita u t-tappieri tad-drenaġġ li qed joħolqu ħsejjes eċċessivi kull darba li vettura tgħaddi minn fuq din l-infrastruttura. Is-Sindku huwa infurmat li peress li ninsabu *election mode*, il-proċess waqaf u rridu nistennew x'ser jissuċċedi wara l-Elezzjoni Ġenerali. Matul il-jiem li ġejjin, se nkunu qed naraw il-kummenti li bagħtu r-residenti u ssir analiżi tas-sitwazzjoni biex ikomplu t-taħdidiet u jittieħdu l-azzjonijiet konkreti.

44.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li peress li fl-aħħar laqgħa tal-lokalità l-attendenza ma kenitx waħda numeruża anke fid-dawl tal-pandemija, ġiet ippreparata ittra aħbar biex

tintbagħat lir-residenti kollha tal-lokalità biex jinżamm il-kuntatt u nispjegaw il-ħidma tal-Kunsill. Din l-ittra aħbar tqassmet bieb bieb mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

44.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li saret talba formali mill-W. Rev. Kappillan tal-Parroċċa Familja Mqaddsa biex il-Kunsill ikun ko-parteċipi nhar il-Ħadd 10 ta' April fejn il-knisja f'Malta tiftaħ il-Festi tal-Ġimgħa Mqaddsa. Għal dan il-għan, se ssir purċissjoni bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-katekiżmu u l-ġenituri li tfakkar id-daħla ta' Ġesù f'Ġerusalemm. Il-Kunsill se jkun qed jikkollabora mall-Parroċċa f'din il-purċissjoni.

44.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-Kunsillieri preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament dwar it-tisbiħ li sar fi Triq l-Awrekarja k/m Triq il-Wied. Is-Sindku Dott. Sciberras informa wkoll li d-dawl il-ġdid għal din soft landscaping ser jixgħel nhar it-18 ta' Marzu.

Ittra oħra ta' ringrazzjament minn resident ieħor li jirrisiedi fi Triq il-Wied għall-implimentazzjoni ta' *traffic mirror*.

## 44.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

44.5.1 Ma kienx hemm.

## 44.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

44.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn is-16 ta' Frar u l-15 ta' Marzu 2022 kif jidher fid-dokument A u B.

44.6.2 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 398/22. Korrispondenza mibgħauta mill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar skema li ħarġet mill-Arts Council Malta dwar għajnuna finanzjarja għaċ-ċelebrazzjoni tal-festi esterni.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li l-Kunsill ma applikax peress li l-festa tal-Parroċċa ma tiċċelebrax festi esterni.

44.6.3 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 450/22. Korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Is-suġġett jitratta 'Training for local elected officials – Norwegian Funding Mechanism'. Temi partikolari li ser jiġu trattati huma l-governanza tajba u t-trasparenza.

Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lill-Viċi Sindku Sa Bartolo li ser tattendi għal dan training iddisinjat għall-politiku li ġew eletti fil-Kunsilli Lokali.

44.6.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 279/22. Talba mill-Primary Health Care biex ikunu jistgħu jagħmlu użu mis-Sala tal-Kunsill.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li ma jsib l-ebda oġġezzjoni biex is-Sala tal-Kunsill taqdi skopijiet soċjali, edukattivi, kulturali u bħala ċentru tas-saħħa. Hemm pjanijiet sbieħ għall-futur suġġett li l-Awtorità tal-Ippjanar toħroġ il-permess biex isir rinnovazzjoni tal-post.

44.6.5 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet dwar korrispondenza nru. 421/22. Kampanja nazzjonali bit-tema 'Water – Be the change'. Din il-kampanja hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropeja u qed issir taħt il-Ministeru tal-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp sostenibbli.

Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li fl-Iklin preċiżament fi Triq Ġużè Bonnici k/ Triq Dun Karm se jkun hemm mobile unit stazzjonat bejn it-18 u l-20 ta' Marzu fejn il-promoturi ta' din il-kampanja se jkunu qed iqassmu *water saving gadgets* lil kull residenza fl-Iklin. Ir-residenti ser ikollhom iċ-ċans li jmorru jsarrfu vouchers biex jottjenu *water saving gadgets* bil-ħsieb li din il-kampanja teduka lill-pubbliku dwar kif għandna nibżgħu għall-provvista tal-ilma.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li l-Kunsill tella post fuq il-mezzi soċjali permezz tal-paġna ta' facebook tal-Kunsill biex issir promozzjoni partikolarment mall-komunità tal-Iklin.

**COMPLAINTS SHEET (16 ta' Frar 2022 - 15 ta' Marzu 2022)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 23 | 18/02/2022 | Wed. & Fri. not collecting Organic waste in Triq il-Wied, 135 | settled | Triq il-Wied | **CONTRACTOR** |
| 24 | 22/02/2022 | Bozza mitfija quddiem stabbiliment tan-negozju fi Triq G.Abos | settled | Triq G.Abos | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 | 22/02/2022 | Bozza mitfija fi Triq il-Plejju L12028 | settled | Triq il-Plejju | **ENEMALTA** |
| 26 | 22/02/2022 | Hemm kaptell tad-drenaġġ miksur fi Triq Ġwann Mamo | Pending | Triq Gwann Mamo | **COUNCIL** |
| 27 | 22/02/2022 | Cables imdendlin sew quddiem propjeta' fi Triq il-Wied | Pending | Triq il-Wied | **SERVICE PROVIDERS** |
| 28 | 24/02/2022 | Talba għal doggy bin fi Triq in-Namur | Pending | Triq in-Namur | **COUNCIL** |
| 29 | 28/02/2022 | Talba għal traffic mirror fi Triq Tal-Balal man-naħa tal-Iklin | Pending | Triq Tal-Balal | **COUNCIL** |
| 30 | 28/02/2022 | Bozza tagħmel ħsejjes lejl sħiħ. | Pending | Triq G.M.Azzopardi | **CONTRACTOR** |
| 31 | 01/03/2022 | Bozza mitfija Triq Stefano Erardi | settled | Triq S.Erardi | **ENEMALTA** |
| 32 | 01/03/2022 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq Dun Karm fejn is-siġar qabel roundabout | settled<br>1 & 8 March | Triq Dun Karm | **SANITA`** |
| 33 | 01/03/2022 | Gutters miksurin fuq bankina fi Triq Ċ Bugeja 39/39A u 39B/C | Pending | Triq Ċ Bugeja | **COUNCIL** |
| 34 | 05/03/2022 | Traffic mirror miksura fi Triq Għargħur bejn Razzett L-Abjad u Il-Cortile | settled | Triq Għargħur | **COUNCIL** |
| 35 | 09/03/2022 | Bozza tixgħel u titfi Triq Ġ Bonnici | Pending | Triq Ġ.Bonnici | **ENEMALTA** |
| 36 | 09/03/2022 | Toqob vicin ta' tappiera tad-drenaġġ fi Triq Dun Karm, kaġun ta ġrieden | Pending | Triq Dun Karm | **WSC** |
| 37 | 11/03/2022 | Road Patching in various streets | settled | various streets | **COUNCIL** |
| 38 | 11/03/2022 | Refreshing in Triq Ċ. Bugeja c/w S Erardi and Triq P Grech | settled | various streets | **COUNCIL** |
| 39 | 25/02/2022 | Ilment dwar arblu tad-dawl quddiem blokka ta' appartamenti fi Triq K. Vassallo | pending | Triq Karmenu Vassallo | **ENEMALTA** |

## 44.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI.

44.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

44.7.2 Rigward line item no.14, il-fornitur Abbey Holdings Ltd, il-ħlas tal-kera kien qed jidher bl-ammont ta' Eur787.75 kull tliet xhur. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien hemm awment minħabba l-inflazzjoni u għaldaqstant talab biex japprovaw dan l-aġġustament. Il-kera fuq dan il-fond kien ta' Eur750 kull tliet xhur (inflation 2022 results in increase in rent from 849.77 to 892.51). *Nem con*.

Rigward line item no 20, il-fornitur University of Malta, il-bilanċ pendenti ta' Eur7,000.00 huwa l-proġett li sar mal-Università ta' Malta 'Iklin Community Project'.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li issa li l-Kunsill għandu l-istudju f'idejh, ikun jixraq li nistiednu lill-Prof. Andrew Azzopardi biex issir preżentazzjoni tal-*findings* fis-Sala tal-Kunsill u nistiednu l-parteċipanti li ħadu sehem f'dan il-proġett. B'dan l-istudju xjentifiku, il-Kunsill irid janalizzah bl-ideja li jiġi nkluż fil-pjan ta' ħidma biex jiġi nmplimentat.

44.7.3 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

44.7.4 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillier Emanuel Zammit.

44.7.5 Awtorizazzjoni għal xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal servizz ta' horn speaker system mingħand il-fornitur Thunder Beat Productions għall-attività kulturali Festa Fjuri – Infiorata 2022 għall-prezz ta' 450 VAT inkluż. *Nem con*.
2. Kwotazzjoni għal servizz ta' lighting equipment mingħand il-fornitur Thunder Beat Productions għall-attività kulturali Festa Fjuri – Infiorata 2022 għall-prezz ta' Eur250.00 VAT inkluż. *Nem con*.
3. Kwotazzjoni għal servizz ta' disinjatur, stampar, & Infiorata Marketing Campaign maħdum fuq 4 ġimgħat mingħand il-fornitur Jurgen Baldacchino għall-prezz ta' Eur1,448.00. *Nem con*.
4. Kwotazzjoni għax-xiri ta' xitel (petunia) kwantità 9,000 xitla mingħand il-fornitur ELC Ltd għall-prezz ta' Eur3,927.04c VAT inkluż. *Nem con*.
5. Kwotazzjoni għal servizz ta' security officers mingħand il-fornitur G4S għall-attività kulturali Festa Fjuri – Infiorata 2022 għall-prezz ta' Eur9.80 per/hr għall-prezz ta' Eur1,283.60; *Nem con*.
6. Kwotazzjoni għal servizz ta' manutenzjoni fuq gazebo eżistenti fil-playing field mingħand il-fornitur Omar Xuereb għall-prezz ta' Eur572.30c;
7. Kwotazzjoni għax-xiri ta' (4) cat shelters mingħand il-fornitur K9 Enterprises Ltd għall-prezz ta' Eur421.02c. Nem con.

## 44.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

44.8.1 Applikazzjoni PA 1730/22 – Triq in-Naxxar c/w Triq Giovanni Curmi c/w Triq Lewis F. Mizzi c/w Triq Ċensu Bugeja – Renewal application PA 5419/09 – Demolition of existing building and proposed commercial premises, including offices, basement parking and showroom.

## 44.9 MOZZJONI DWAR XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI FI SQAQ IN-NAMUR.

44.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex isir titjib infrastrutturali fi Sqaq in-Namur.

44.9.2 Imbagħad infetħet diskussjoni dwar ix-xogħlijiet proposti f'dan l-Isqaq fejn issemma li riċentement il-Kunsill lesta proġett ta'

riskostruzzjoni/restawr tal-ħitan tas-sejjiegħ fl-imsemmi sqaq. Dan il-proġett sar b'ko-finanzjament taħt il-miżura 4.4 Rural Development Programme. Il-kundizzjoni tal-isqaq huwa fi stat diżastruż u meta l-Kunsill talab il-parir tal-Perit dwar l-istat tal-isqaq, kien irrakommandat li jsir wiċċ ġdid bil-concrete. Kien ippreparat BoQ biex il-Kunsill jara l-ispiża u jassigura li l-proġett ikun within budget u skont l-istima tal-Perit, l-ispiża ser tiġi tlaħħaq circa Eur39k.

Is-Sindku Dott. Sciberras qal li dan il-proġett kien inkluż fil-Pjan ta' Ħidma u skont l-aħħar rapport finanzjarji li ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill, dan il-proġett propost kien inkluż fl-estimi finanzjarji għas-sena 2022.

44.9.3 Il-Kunsillier Emanuel Zammit spejga li f'din iż-żona kien fadal l-uniku sqaq f'dan l-istat wara li ftit tax-xhur ilu tlesta wkoll Sqaq il-Ħwawar. B'dan il-proġett il-Kunsill ikun qed jagħlaq ix-xogħlijiet infrastrutturali ta' din iż-żona wara li matul dawn l-aħħar snin, il-Kunsill investa f'din iż-żona wara li kien ibbenifika minn fondi Ewropej permezz tal-Miżura 4.3 'Enhancing Farm Access Roads in L-Iklin' permezz ta' proġett ieħor ambizzjuz mill-Kunsill bil-proġett tal-asfalt fi Triq il-Ħwawar.

44.9.4 Il-Viċi Sindku Sa Yvonne Bartolo staqsiet lis-Sindku jekk hemmx fondi disponibbli mill-Kunsill Reġjonali Lvant biex nibbenifikaw fondi għal dan l-iskop.

44.9.5 Is-Sindku Dott. Sciberras wieġeb li fil-preżent il-Kunsill Reġjonali Lvant għad ma ħareġ l-ebda skema għall-proġetti ta' din ix-xorta. Ikkonkluda li l-Kunsill jinsab f'qagħda finanzjarja tajba biex nattwaw dan il-proġett.

44.9.6 Wara li ntemmet id-diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras ressaq il-mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

44.9.7 Il-mozzjoni bin-numru IX/44-5 għaddiet *nem con*.

## 44.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

44.10.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2022 fil-5.30 p.m.

44.10.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2022 fil-5.30 pm.

44.10.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-6.28 p.m.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Dorian Sciberras** | **Etienne Montfort** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |